MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI *TAL*-MELLIEĦA**

**IT-TMIEN KUNSILL**

SEDUTA NRU. 64

18 ta' Ġunju 2024

Minuti tas-seduta Nru. 64 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Nru. 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tlieta 18 ta' Ġunju 2024 fil-5:30 pm.

**Attendenza u qari ta' ittri ta' apoloġiji**

Il-Kunsillieri kollha kienu preżenti fiżikament minbarra l-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar li kienet qed isegwu b'mod virtwali.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trasmessa permezz tal-internet. Ir-*recording* tagħha jista' jitniżżel mis-sit elettroniku:https://corterm.com/vod/members/mellieha/

**Talba**

It-talba ntqalet mis-Sindku.

1.1. **Minuti**

1.2. Il-minuti tas-Seduta Nru. 63 tal-22 ta' Mejju 2024, ġew approvati mingħajr emendi. Kien hemm qbil li dawn għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku: Minuti 2024 - Mellieħa (gov.mt).

**2.0. Materji Mqajma mill-Minuti**

2.1. Ma kienx hemm materji mqajma mill-minuti

**3.0. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

3.1. Ma saru ebda mistoqsijiet.

**4.0. Tqegħid ta' karti**

- Skeda dwar Akkwist ta' Servizzi u Materjal – 14/06/24;
- Skeda ta' Infieq Permezz tal-Petty Cash – 05/04/24 – 01/06/24;
- Skeda ta' Pagamenti – 22/05/24 – 14/06/24;
- Abbozz - Tweġiba għall-Ittra ta' Direzzjoni *(Management Letter)* – Sena Finanzjarja 2023;
- Skeda ta' Korrispondenza li waslet; u
- Skeda ta' Korrispondenza li ntbagħtet.

**5.0. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsillieri**

**6.1. L-Ittra ta' Direzzjoni – Sena Finanzjarja 2023 - mibgħuta mill-udituri tal-Kunsill (F/1/2/Vol IX)**

6.2. Is-Segretarju Eżekuttiv irrefera għall-Ittra ta' Direzzjoni (*Managment Letter*) mibgħuta mill-udituri għas-Sena Finanzjarja 2023, kif ukoll l-abbozz tat-tweġiba għaliha li tqassam qabel is-seduta. Is-Sur C. Debono aċċenna li l-Kunsill indirizza l-punti kollha ndikati fl-ittra tal-2022, li kienu jiddependu direttament mill-Kunsill. Huwa qal li l-punti kollha li tqajmu kienu ta' natura teknika u allura jittrattaw il-mod kif ċerti transazzjoni kellhom jiġu murija fil-kotba.

6.3. Huwa spjega wkoll li ssemmiet il-kwistjoni mal-kuntrattur li kien inkarigat mil-gbir tal-iskart, dwar l-interpretazzjoni tar-rati tal-*bin-on-wheels*, fejn aħna ħadna l-pożizzjoni li m'għandux ikun ħlas addizzjonali għajr dak li hemm fil-kuntratt. Qed ngħidu li kemm-il darba ż-żewġ partijiet jibqgħu jsostnu l-pożizzjoni tagħhom, il-kwistjoni għandha tittieħed quddiem arbitraġġ jew il-Qorti.

6.4. Il-Kunsill huwa mitlub li jirrispondi lill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika u lid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali sat-28 ta' Ġunju 2024.

6.5. Il-Kunsill approva l-abbozz tat-tweġiba mressaq.

**7.1. Mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar li tgħid:**

***"Billi saret sejħa għall-offerti MLC 1/2024, skont ir-Regolamenti dwar l-Akkwist mill-Kunsilli Lokali (L.S.363.186), li tinvolvi xogħlijiet ta' titjib fis-Sala tal-Kunsill;***

***Billi bil-għajnuna ta' rapport tekniku mill-perit saret evalwazzjoni mill-Kumitat ta' Evalwazzjoni tal-erba' offerti sottomessi, skont il-minuti tat-8 ta' Mejju u l-5 ta' Ġunju 2024; u***

***Billi fl-Estimi għas-Sena Finanzjarja 2024 ġew ivvutati fondi biżżejjed fil-Vot 7535 bis-saħħa ta' kofinanzjament approvat taħt il-Miżura 3 tal-Fond Agikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali skond ftehim bir-referenza (IACS) No. 268962;***

***Il-Kunsill jirriżolvi li għandu jiġi ffirmat kuntratt mal-offerent Legacy Ventures Ltd li rriżulta konformi mal-kriterji stabbiliti bl-inqas offerta finanzjarja.". (P/10/40)***

7.2. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li kif jirriżulta mill-minuti msemmija u anke mill-kjarifika mitluba mingħand l-offerenti fl-10 ta' Ġunju 2024, jirriżulta li uniku offerent li kien totalment konformi mar-rekwiżit indikati fid-dokument tal-offerta u kien viċin ħafna l-istima tal-proġett, kienu Legacy Ventures Ltd.

7.3. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier G. Micallef.

8.1. **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskedi dwar l-Akkwist u tal-Pagamenti**

8.2. Ġiet imressqa Skeda ta' Xiri datata 14 ta' Ġunju 2024.

8.3. Tressqet skeda ta' infieq li sar permess tal-*petty cash* bejn l-5 ta' April u l-1 ta' Ġunju 2024.

8.4. Tressqet ukoll skeda ta' pagamenti li tkopri l-perjodu bejn it-22 ta' Mejju u l-14 ta' Ġunju 2024.

8.5. Il-Kunsill approva l-iskedi kollha, u kien hemm qbil li l-Iskeda tal-Pagamenti għandha tiġi ppubblikata permezz tas-sit elettroniku: Minuti - Mellieha (gov.mt)

## AĠĠORNAMENT

Is-seduta spiċċat fis-6:00 pm, u ġiet aġġornata għal aktar tard fl-istess jum fis-6:05 pm.

Dario Vella
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**